MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Numru 570/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**Vs**

Michael Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Michael Cutajar numru karta ta’ identita’ 556663(M), akkuzat talli:

F’Hal Balzan u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fis-27 ta’ Gunju, 2005 u fix-xhur snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

(i) Bi hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil Joseph Calleja jew persuna ohra, u dan ai termini tal-artikolu 250(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) liema theddid wasal fil-hsieb tieghu bil-ksur tal-artikolu 250(2)(1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provdtur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew billi ghamel lill-Joseph Calleja, ingurji u theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

(iii) Aktar talli ghamel ingurji u thedid (bil-mewt) lil Joseph Calleja mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregisra ammissjoni li baqa jippersisti fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Semghet xi provi biex tasal ghall-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat:

Mill-provi li semghet il-Qorti jirrisultalha wisq car li l-imputat ikkommetta r-reati lilu addebitati taht "passjoni" stante illi jinsab ben pruvat li martu li kienet ghamlet zmien tahdem mal-kwerelant kellha relazzjoni mieghu li l-istess

martu u wkoll l-kwerelant iddeskrivewha bhala “intima” l-barra pero’ mill-att sesswali. Huwa wisq car ukoll li l-imputat, fil-waqt li agixxa kif agixxa, kien tant mitluf emozzjonalment li ma kellux kontrol fuqu innifsu. Jidher pero’ li l-konjugi illum irrikonciljaw ghal gid taghhom u ta’ uliedhom.

Apparti l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tinferixxi oltre l-essenzjali.

Qeghdha ghalhekk fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi, wara li ikkunsidrat ic-cirkostanzi, kif ukoll li l-imputat ghamel gimgha taht arrest preventiv, qeghdha tiddecidi l-kawza billi tilliberah taht il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-tlett snin mill-lum u dana fir-rigward l-ewwel akkuza u dwar l-ahhar zewg akkuzi, billi konnessi bhala mezz ghal fini, tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 oltre li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tobbliga lill-imputat b’garanzija personali ta’ Lm100, li ma jimmolestax jew anka ikellem lill-kwerelant u dana ghal perjodu ta’ sena mill-lum. Dana wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq imsemmija u l-Artikolu 250(1), 250(2), 338, 339(e) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------